# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Diċembru 2021**

**Talba Nru: 145/2021 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**Falzon's Bathrooms and Ceramics Limited (C9432)**

**Vs**

**Lara Developments Ltd (C428668)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2021, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallasha s-somma ta' tlett elef, tmien mija, erbgħa u ħamsin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€3,854.73) rappreżentanti diversi akkwisti mhux imħallsa kif

aħjar deskritti fl-Avviż tat-Talba. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, u l-imgħax[1];

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż[2];

Ra n-nota tas-soċjetá konvenuta permezz ta' liema hija ammettiet t-Talba kontra tagħha[3].

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie senjalat hawn fuq, is-soċjetá konvenuta għażlet li tammetti t-talba fil-konfront tagħha[4]. Huwa indubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima*"[5]. Għalhekk, f'każ fejn din isseħħ, idejn it-Tribunal ikunu marbuta u jkun jista' biss jilqa' t-talba. Jiġi wkoll mfakkar li meta sseħħ ammissjoni, ġudikant għandu jgħaddi sabiex jilqá dak mitlub iżda mhux li jiddikjara l-mertu tal-proċediment eżawrit[6].

Illi din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Fatturi jibdew a fol 4 *et seq.*
[3] Nota a fol 25 tal-proċess.
[4] Rilevanti għalhekk dak li jrid l-artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] *La confessione é la superprova.* – Brocardo 940 *bis* – **Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,** Edoardo Mori, VII ed, fol 101.
[6] *Vide* f'dan is-sens dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Grima vs Alfret Attard et**, (App Ċiv Nru: 3/2013/2), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2020. Inċidentalment, saret referenza (u dak hemm deċiż reġa ġie kkonfermat) għal din is-sentenza riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Lawrence Grima et,** (Rik Ġur Nru: 646/2021 CFS) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Ottubru 2021.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill-proċess sħiħ, it-Tribunal sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-Talba kif dedotta. Madanakollu, ikollu jingħad li l-fatturi li ġew eżebiti jammontaw għal somma akbar minn dik mitluba. Naturalment, it-Tribunal irid joqgħod biss mal-ammont mitlub u ma jistax jinoltra ruħu fuq somom ulterjuri u għalhekk huwa biss l-ammont imsemmi fl-Avviż tat-Talba li qiegħed jiġi kkunsidrat.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi l-ammont ta' tlett elef, tmien mija, erbgħa u ħamsin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€3,854.73) bl-imgħax legali, iżda biss fuq l-ammont ta' tlett elef, mitejn u sitta u sittin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€3,266.72)[7], liema imgħax legali għandu jiddekorri mid-19 ta' Mejju 2021[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[7] Mis-somma mitluba jirriżulta li parti minnha jinkludi Valur fuq it-Taxxa Miżjud fl-ammont ta' €588.01 li huwa import ta' natura fiskali li ma jistax jattira imgħaxijiet favur is-soċjetá attriċi.

[8] Data tal-preżentata tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Imkien ma ġie spjegat in-natura tar-relazzjoni bejn il-kontendenti u t-talba għal-imgħax saret b'mod ġenerali.